MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 214/2014

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Hatherly Rittmar K.I. 363987 (M)**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-25 ta' Marzu 2014, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tass-somma ta' tmien mija u tmienja u għoxrin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€828.26), in konnessjoni ma' servizz ta' telefonija ċellulari 79363987 *(A/C 50996384)* mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenuta. Illi s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammonti dovuti bħala penali għat-terminazzjoni antiċipata tal-kuntratt.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' tmien mija u tmienja u għoxrin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€828.26), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi ppreżentata fil-21 ta' Diċembru 2010 u numerata 4853/10, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------